MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 309/2011

**Elmo Insurance Agency Limited noe**

**Vs**

**Emanuel Gatt et**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Elmo Insurance Limited fit-13 ta' Settembru 2011 u kkonfermat bil-gurament mill-Avukat Dottor Alessia Zammit Mckeon, permezz ta' liema tippremetti li: (a) b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) pronuncjata fit-22 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency Limited noe v. Emanuel Gatt et" is-socjetà rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimati; (b) l-intimati ghandhom ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' €4,846.90, rapprezentanti in kwantu ghal €2,329.37 bhala sorte, ghal €2,045.25 bhala imghax mit-18 ta' Settembru 2000 sa' llum, u ghal €472.28 bhala spejjez, dana kollu skond id-dispozittiv tas-sentenza imsemmija; (c) ghalkemm

ghaddew hames (5) mid-data tal-pronunzjament tas-sentenza, is-socjetà rikorrenti ghad ghandha interess tesegwixxi l-istess decizjoni stante li l-intimati ghadhom ma hallsux 'il fuq imsemmi kreditu; u li (d) in ottemperanza ma' dak sancit fl-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) l-Avukat Alessia Zammit Mckeon bhala mandatarja specjali tas-socjetà rikorrenti tikkonferma bil-gurament taghha l-kontenut u l-veracità ta' dak sovra premess, u titlob li ai termini ta' l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tigi awtorizzata tesegwixxi s-sentenza moghtija fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency Limited noe v. Emanuel Gatt et " Avviz Nru. 1589/00JAB deciza fit-22 ta' Ottubru 2001;

Rat id-Digriet tat-23 ta' Settembru 2011 li bih ir-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-17 ta' Ottubru 2011 fid-9:30a.m. u gie ordnat li l-istess Rikors jigi notifikat lill-intimati, bi zmien hamest (5) ijiem ghar-Risposta;

Rat illi l-intimati gew notifikati bir-Rikors promotur bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li naqsu milli jipprezentaw Risposta ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti u lanqas dehru ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Rat l-atti l-ohra tar-rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mir-Rikors promotur, debitament ikkonfermat bil-gurament mill-Avukat Dottor Alessia Zammit McKeon, jirrizulta li ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li s-sentenza fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency Limited noe v. Emanuel Gatt et" Avviz Nru. 1589/00JAB ippronuncjata fit-22 ta' Ottubru 2001 setghet tigi esegwita. L-Avukat Dottor Alessia Zammit McKeon ikkonfermat ukoll bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mis-socjetà rikorrenti minghand l-intimati u li dan id-dejn ghadu dovut sa' illum.

Illi l-intimati bin-nuqqas taghhom li jirrispondu ghar-Rikors tas-socjetà rikorrenti entro t-terminu lilhom prefiss u li jidhru ghas-seduti ffissati ghas-smigh ta' tali Rikors, baqghu kontumaci.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimati, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront taghhom nascenti mis-sentenza fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency Limited noe v. Emanuel Gatt et" Avviz Nru. 1589/00 JAB, deciza fit-22 ta' Ottubru 2001.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------